MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 492/2002

**Avviz numru 492/02DM**

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Borg**

**Vs**

**Gaetano Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu li din il-Qorti:
1 Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl 4 ta' Frar 2002 fil-Mosta meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura Nru BBJ 573, minhabba negligenza, inprudenza u ksur tar-Regolament tat-Traffiku habat ma'l-vettura numru KYR 526 proprjeta ta' assikurat tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici limitati pero’ ghal dak li jirrigwarda biss il-hsara fil-vettura assigurata fl-ammont ta’ elf, disa mija u tnejn u sittin Lira Maltin (Lm1962) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta’ periti nominandi;
3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma’l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult (Lm14.00), ta’ ittra ufficjali tas-7 t’April 2002 u ta’ ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa illi:

1 Dak li talbet is-socjeta attrici ghadu jigi michud ghax ghall-incident stradali “de quo” kien jahti is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici;

2 Salv eccezzjonijiet ohra

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta stabbilit illi l-kollizjoni grat meta Joseph Borg, l-assikurat mall-kumpanija attrici, kien qieghed isuq ghad-dritt fil-karreggjata tieghu f’Independence Avenue, il-Mosta, u dana sab quddiemhu, timblokkalhu l-karreggjata, l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Minn-naha tieghu il-konvenut *ex admissis* jistqarr illi kien ipparkeggjat fuq in-naha l-ohra tat-triq, ihares ukoll fid-direzzjoni opposta, u li huwa hareg minn fejn kien

ipparkeggjat, qasam il-karreggjata tat-traffiku li gej minn warajh u ipprova jghamel *U-turn* billi jidhol fil-karreggjata ta’ Joseph Borg u mmur fuq in-naha l-ohra ta’ din il-karreggjata.

Jirrizulta ghalhekk ampjament illi kien il-konvenut illi kien tenut illi juza l-akbar grad ta’ attenzjoni u prekawzjoni billi kien huwa s-sewwieq li ried jghamel manuvra perikoluza li kienet tirrikjeda li jaqsam diversi karreggjatai ta triq traffikuza. Infatti huwa ried johrog minn post ta’ parkegg fuq ix-xellug tieghu tat-triq, jaqsam l-ewwel il-karreggjata destinata ghat-traffiku li kien gej minn warajh biex imbaghad jinvadi l-karreggjati tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta biex imur fuq in-naha tax-xellug ta’ dawn l-ahhar karreggjati.

Mill-istess provi jirrizulta zgur, illi dan il-grad ta’ attenzjoni illi kien rikjest mill-konvenut ma ttiehedx; infatti jirrizulta illi, mhux biss huwa mblokka l-karreggjata ta’ Joseph Borg u pprovoka l-kollizzjoni mal-vettura l-ohra, izda, anke bil-manuvra li ghamel biex qasam il-karreggjati tat-traffiku li kien gej minn warajh, huwa wkoll issorprenda s-sewwieqa warajh u f’dan ir-rigward id-deposizzjoni tax-xhud, Angolino Catania, hija skjaccanti u wasal biex esprima “*ara dan il-mignun kif hareg.”*

Apparti l-verzjoni ta’ dan ix-xhud okulari u indipendenti, anke d-deposizzjoni stess tal-konvenut, hija ndikattiva, jekk mhux addirittura prova, ta’ sewqan bla kont jew almenu ta’ imperizja grossolana. Infatti l-istess konvenut jallega illi qabel ma huwa pproceda biex jaqsam il-karreggjata ta’ Joseph Borg huwa kien effettivament ra l-vettura ta’ Borg tipprocedi lejh izda kkalkola li huwa setgha jghaddi liberament minghajr ma jikkrea ebda ostakolu.

Evidentement il-kalkoli li ghamel il-konvenut kienu zbaljati. Huwa stess japprezza illi t-triq fejn ried jaqsam hija “*triq perikoluza hafna”* izda ma waqafx fil-*crown of the road* biex jista jezegwixxi l-*U-turn* f’zewg stadji. Huwa ghazel li jghamel manuvra wahda biex hareg mill-parkegg sakemm dahal fil-karreggjati ta’ Joseph Borg, u stante li lemah mill-

ewwel il-vettura ta’ Joseph Borg, wiehed irid bil-fors jikkonkludi illi, wara li kkalkola il-velocita’ tal-vetturi implikati iddecieda li setgha jghaddi fil-liberta’.

Evidentement ghazel manuvra wahda kontinwa ghaliex iddecieda li din il-manuvra kienet tirrikjedi l-iktar heffa possibbli u allura ma setghetx ghaddiet iktar minn sekonda minn mindu qabez il-*‘crown of the road*’ sal mument tal-kollizzjoni (distanza ta kwazi 3 metri), tenut kont illi l-velocita massima tieghu ma setghetx kienet qed tissupera l-ghaxar kilometri fis-siegha (10kfs).

Ghalhekk, jekk wiehed joqghod fuq id-deposizzjoni tal-konvenut, wiehed irid bil-fors jikkonkludi wkoll illi, f’dan il-hin qasir ta’ sekonda, Joseph Borg bil-vettura tieghu kien lahaq mexa il-mitt (100) metru li l-konvenut allega li kienet id-distanza bejn il-vetturi qabel ma beda diehel fil-karreggjata ta’ Joseph Borg (*Nikkolkola li meta gejt biex naqsam din it-tieni parti tat-triq il-vettura l-ohra kienet ghadha madwara mitt jarda l-boghod* – fol-45*)*

Dan jimplika ghalhekk velocita’ da parti ta’ Joseph Borg, ta’ iktar minn 360kfs (tlett mija u sittin kilometru fis-siegha), velocita’ inkoncepibbli li tnehhi kull affidabilita’ mil-verzjoni tal-konvenut li ghalhekk tikkostitwixxi prova ta imperizja u responsabbilta’ kbira tal-konvenut ghal din l-kollizzjoni.

Iktar u iktar hija gravi l-irresponsabbilta’ tal-konvenut meta huwa stess jistqarr illi kien digia’ innota lil Joseph Borg qieghed jipprocedi lejh mid-direzzjoni opposta sa minn meta kien ghadu ipparkeggjat mal-bankina fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk minn qabel ma beda  l-manuvra tieghu.

Dan  il-fatt jindika li l-konvenut ghamel kalkolu hazin meta hareg mill-parkegg u naqas li jerga jesplora t-triq meta gie fil-“*crown of the road”*   u juri illi l-istess konvenut minn qabel ma beda bil-manuvra biex jaqsam il-karreggjati tat-traffiku gej minn warajh kien digia konxju illi fil-karreggjati l-ohra kien hemm it-traffiku u li hu kien obbligat illi b’ebda mod ma jostakolhom, izda nonostante dan huwa beda il-

manuvra tieghu minghajr ebda waqfien biex kompliha sakemm ipprovoka l-kollizzjoni.

Min-naha l-ohra wiehed irid jara ukoll jekk il-mod ta' sewqan ta' Joseph Borg setghax ikkontribwixxa ghal din il-kollizzjoni, izda ghalkemm jidher li l-24 (erba' u ghoxrin ) 'brake marks' u l-estensjoni tad-danni li sofrew iz-zewg vetturi jindikaw velocita' ta' iktar minn dik konsentita f'dawk l-inhawi, xorta wahda l-Qorti issib illi l-velocita' ta' Joseph Borg ma setghat qatt tkun infuwenti fuq il-kawzi ta' l-kollizzjoni li jnibaghu esklussivament is-sewqan bla kont u imperizja tal-konvenut b'konsegwenza li l-kollizzjoni u d-danni estensivi kienu xorta jirrizultaw anke kieku l-velocita' ta' Joseph Borg kienet iktar prudenti minn dik li kienet.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut Gaetano Bonnici huwa unikament risponsabbli ghall kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk irid jirrispondi ghad-danni illi sofrew l-atturi bhala assikuraturi tal-vettura misjuqa minn Joseph Borg.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni gie ddikjarat mill-atturi illi f'din il-kawza l-hlas li qed jitolbu jirrigwardaw biss id-danni li gew ikkawzati biss fil-vettura assikurata.

F'dan ir-rigward ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut u jirrizulta ampjament illi l-vettura ta' Joseph Borg kienet giet danneggjata "*beyond ecconomical repair*" u li danni sofferti huma l-valur taghha fuq is-suq dak in-nhar tal-kollizzjoni imnaqqas il-valur taghha wara l-kollizzjoni. Dan iwassal ghal somma ta' Lm1,962 (elf disa' mija u tnejn u sittin Lira Maltin) bhala danni likwidati kif jirrizulta anke mis-survey relattiv u ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-atturi.

Ghaldaqstant qedgha tilqa t-talba attrici u, filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici fl-istess kollizzjoni, qed tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm1,962 (elf disa' mija u tnejn u sittin Lira Maltin) fejn jirrigwarda biss il-hsara fil-vettura assikurata u, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-

somma hekk likwidata lill-atturi, bl-imghax legali b'effett mill-5 ta' Settembru tas-sena 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------